BpE
BECOMING A PART OF EUROPE

Co-funded by the
Erasmus+ Programme
of the European Union

www.bpe-project.eu

# BpE: Becoming a part of Europe:

## KIF IX-XOGĦOL MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ JISTA' JKUN TA' SAPPORT GĦAL MIGRANTI ŻGĦAŻAGĦ, REFUĠJATI U PERSUNI JFITTXU L-AŻIL

## RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-POLITIKA

L-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha, inkluż dawk li ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni, hija waħda mill-għanjiet prinċipali tal-Istrateġija taż-Żgħażagħ tal-UE. Ix-xogħol maż-żgħażagħ u t-tagħlim mhux formali jista' jikkontribwixxi biex iħeġġeġ djalogu interkulturali u biex jibni ftehim komuni bejn żgħażagħ li ġejjin minn sfond differenti.

Il-programm taż-żgħażagħ tal-Erasmus+ jippromwovi l-ġustizzja u l-inklużjoni ta' parteċipanti minn sfond żvantaġġjat u b'inqas opportunitajiet (bħal migranti jew refuġjati) permezz ta' sapport speċifiku, l-issettjar ta' prijoritajiet u l-użu ta' fondi bi skop. Il-proġett tal-BpE, iffinanzjat taħt l-iskema Erasmus+ Key Action 3, għandu l-iskop li jiżviluppa u jaqsam metodoloġiji ġodda tal-edukazzjoni non-formali u prattiċi ġodda tal-inklużjoni permezz tax-xogħol maż-żgħażagħ, bl-iskop li jippromwovi l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tar-refuġjati, persuni jfittxu l-ażil u tal-migranti (YMRA) u li jrawwem l-għarfien, it-tolleranza u r-rispett fost in-nies.

Fi ħdan il-proġett ġew elaborati sett ta' rakkomandazzjonijiet, skont l-għarfien tal-parteċipanti u tal-partijiet involuti, sabiex jitjiebu l-politiki relatati mal-inklużjoni tal-migranti żgħażagħ, tar-refuġjati u tal-persuni jfittxu l-ażil, kif ukoll sabiex ikun rikonoxxut iktar l-irwol tat-tagħlim informali u non-formali fix-xogħol maż-żgħażagħ.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-politika qed jindirizzaw il-persuni differenti li joħolqu l-politika f'livelli varji, skont ir-rwol li qed jieħdu u l-kompetenzi li għandhom.

**RAKKOMAN-DAZZJONIJIET**
GĦALL-PERSUNI F'

LIVELL
# LOKALI, NAZZJONALI U EWROPEW

## Awtoritajiet lokali, nazzjonali u Ewropej għandhom...

**A** Dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet għandhom jirrispettaw id-drittijiet umani tal-YMRA u jiddeċiedu dwar poloz ibbażati fuq id-drittijiet u l-interessi tal-YMRA. Dawk li jfasslu l-politika għandhom jiġġieldu għad-drittijiet umani, skont it-Trattati Internazzjonali, u jgħinu sabiex jinbidel id-diskors politiku minn kwistjoni ta' sigurtà għal kwistjoni ta' drittijiet umani.




**B** Dawk li jfasslu l-politika għandhom jiggarantixxu d-dritt ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ (u l-YMRA) li jkunu mismugħa u li ma jkunux ippersegwitati meta jkunu qed jieħdu sehem f'xi tip ta' attività għaż-żgħażagħ jew f'azzjonijiet ta' sapport.

**C** Dawk li jfasslu l-polza, l-awtoritajiet u l-aġenziji għandhom jiżguraw fondi adekwati u sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkunu qed jaħdmu mal-YMRA. Ħafna donaturi għandhom jagħmlu konnessjonijiet bejn skemi ta' fondi eżistenti, sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-fondi tal-Organizzazzjonijiet Non-Governattivi u jsostnuhom fl-azzjonijiet tagħhom.

**D** Il-persuni relevanti għandhom jistabbilixxu sistema legali u amministrattiva fejn il-YMRA iħossuhom imsaħħin u involuti waqt li qed jikkreaw proċessi għall-YMRA, u li jinvolvu ruħhom fihom waqt li ma jkunux trawmatizzati iktar minn perjodi twal ta' stennija.



Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**RAKKOMAN-DAZZJONIJIET** GĦALL-PERSUNI F'

# LIVELL **LOKALI, NAZZJONALI U EWROPEW**




**E** L-istituzzjonijiet Ewropej u l-istati membri/ l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprevjenu u jieħdu azzjoni legali kontra l-fake news, il-hate speech u l-preżunzjonijiet u l-organizzazzjonijiet razzisti. Il-persuni li joħolqu l-politika għandhom jipprovdu informazzjoni korretta lill-pubbliku ġenerali dwar il-migrazzjoni u jipprevjenu l-polarizzazzjoni tal-minuri, tal-gruppi u tal-komunitajiet marġinalizzati.

**F** Il-persuni li joħolqu l-politika għandhom ikunu ċerti li l-persuni kollha li qegħdin jaħdmu mal-YMRA jagħtu kas ħafna tal-gruppi l-iktar vulnerabbli tal-YMRA, jiżguraw assessjar ġust u jevitaw li jpoġġu gruppi vulnerabbli f'ċentri ta' detenzjoni tal-immigrazzjoni. Il-gruppi vulnerabbli, inkluż l-LGBT+YMRA m'għandhomx jiġu trasferiti skont il-konvenzjoni ta' Dublin.




**G** Il-partijiet involuti għandhom jipprovdu sapport adekwat għall-iskemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ sabiex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom li jaħdmu mal-YMRA. L-opportunitajiet għat-taħriġ għandhom jittrattaw suġġetti u ħiliet bħal ngħidu aħna l-kompetenzi interkulturali, id-drittijiet umani, drittijiet speċifiċi tal-YMRA, il-benesseri, iċ-ċittadinanza demokratika, eċċ.

**H** Il-persuni li joħolqu l-politika għandhom ikunu ċerti li l-istaff fi ħdan is-sistema tal-akkoljenza, u l-impjegati ċivili li jaħdmu mal-YMRA għandhom ħiliet adekwati u taħriġ dwar terminoloġija, sensittività kulturali, intersezzjonalità, saħħa mentali, PTSD u trawma.

**I** Il-persuni li joħolqu l-politika għandhom jistabbilixxu sistema ħolistika biex jgħinu l-persuni YMRA biex jissodisfaw l-interessi u l-ħtiġijiet tagħhom, ibbażata fuq modi parteċipattivi.

**J** Il-persuni li joħolqu l-politika għandhom jissapportjaw il-ħolqien ta' topiks speċjali u esperti dwar l-LGBT+ u l-ġeneru fi ħdan l-awtoritajiet tal-migrazzjoni sabiex ikunu evitati proċessi inġusti tal-ażil għar-refuġjati LGBT+. Għandhom jeżaminaw ukoll kif għandhom isiru standardizzazzjoni aħjar ta' LGBT+ jew l-assessjar fil-proċess tal-ażil.

RAKKOMAN-
DAZZJONIJIET
GĦALL-PERSUNI F'

LIVELL
**LOKALI**

## L-Awtoritajiet Lokali għandhom...

**A** ... jiżviluppaw strateġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni flimkien ma' sħab lokali relevanti indirizzati lill-komunità li qed tospita sabiex jiġu involuti n-nies lokali f'attivitajiet tal-komunità.




**B** ...jikkoperaw u jikkreaw sħubija bejn persuni differenti li huma involuti, jorganizzaw inizjattivi flimkien waqt li jġibu flimkien il-YMRA u l-komunità ospitanti, u jilħqu komunitajiet lokali inkluż muniċipalitajiet, skejjel, żgħażagħ, organizzazzjonijiet sportivi u kulturali, assoċjazzjonijiet lokali tal-migranti u r-refuġjati.

**C** ...jikkreaw u jiffaċilitaw spazji sabiex jilqgħu il-komunitajiet u l-YMRA. Dawk l-ispazji għandhom iservu sabiex isiru jafu lil xulxin, jipprovdu l-informazzjoni, jikkreaw għarfien, jinxterdu narrattivi pożittivi u tkun sostnuta l-għaqda fil-komunità.




Co-funded by the
Erasmus+ Programme
of the European Union

RAKKOMAN-
DAZZJONIJIET
GĦALL-PERSUNI F'

## LIVELL
## LOKALI




**D** ...jipprovdu edukazzjoni għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u f'organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'muniċipalitajiet rigward metodi li huma bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll aspetti relatati mal-intersezzjonalità, l-LGBT+ u l-ġeneru.

**E** ...jelaboraw pjanijiet ta' integrazzjoni għal u mal-YMRA, inkluż konsulenza u gwida legali.

**F** ...jiggarantixxu fond għax-xogħol maż-żgħażagħ mal-YMRA u jkunu kkreati spazji (kemm onlajn u kemm offlajn) għas-sapport u attivitajiet maħluqin apposta sabiex jintlaħqu gruppi differenti tal-YMRA, b'mod partikolari dawk li huma diffiċli biex jintlaħqu.




**G** ...sabiex ikun evitat in-nazzjonaliżmu u r-razziżmu, għandhom jiġu ppjanati u jsiru attivitajiet għall-proċess ta' integrazzjoni bla xkiel kemm tal-YMRA u kemm taż-żgħażagħ lokali.







Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**RAKKOMAN-DAZZJONIJIET**
GĦALL-PERSUNI F'

# LIVELL **NAZZJONALI**

## L-Awtoritajiet Nazzjonali għandhom...

**A** ...jissapportjaw u jiffaċilitaw networking u kooperazzjoni bejn l-NGO's (li jaħdmu mal-YMRA), servizzi orjentati lejn iż-żgħażagħ, u korpi nazzjonali u lokali li jaħdmu mal-YMRA.




**B** ...jissapportjaw kollaborazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tas-saħħa u l-NGO's żgħażagħ, sabiex jikkonribwixxu għall-benesseri u t-tisħiħ taż-żgħażagħ, sabiex issir ħidma fuq prevenzjoni, kif ukoll sabiex ikun identifikati problemi fil-bidu tagħhom.

**C** ...jiżguraw li hemm biżżejjed korsijiet adekwati tal-lingwa għall-YMRA kollha li ma jkunux dipendenti biss fuq il-voluntiera u CSOs. Għandhom ikunu provduti mill-awtoritajiet responsabbli.

**D** ...jiżviluppaw miżuri speċifiċi sabiex jintlaħqu l-minuri fil-familji u jkun żgurat li kull informazzjoni relevanti taslilhom ukoll.

**E** ...jagħtu rwol b'saħħtu u adekwat lix-xogħol maż-żgħażagħ biex jiġu żviluppati u implimentati strateġiji ta' integrazzjoni u jkunu inklużi l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ f'entitajiet differenti, bħal aġenziji tax-xogħol, ċentri soċjali, u istituzzjonijiet oħrajn relevanti, li għandhom rwol li għandu x'jaqsam mal-YMRA.




Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**
GĦALL-PERSUNI F'

## LIVELL **NAZZJONALI**




**F** …jiżviluppaw u jimplimentaw mudell għall-kooperazzjoni transsettorjali fost istituzzjonijiet differenti li joffru sapport ħolistiku lill-YMRA f'"one-stop-shop". Mudelli bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq timijiet multi-professjonali u multi-kompetenti, għandhom jaħdmu mal-YMRA u jinkludu lill-persuni kollha relevanti fuq livelli differenti.

**G** ...mal-wasla, jipprovdu informazzjoni lil kulħadd rigward id-drittijiet tal-LGBT+, id-drittijiet dwar il-fastidju sesswali, il-valuri u s-sistemi fil pajjiż tal-wasla u l-aspetti relatati mal-LGBT+ u l-ġeneru fi ħdan is-sistema tal-ażil.




**Becoming a part of Europe:**
RAKKOMANDAZZJONIJIET NAZZJONALI

**H** ...jistabbilixxu medjaturi kulturali li jaħdmu fil-qrib mal-YMRA u jissapportjaw il-kooperazzjoni tagħħhom bil-ħidma maż-żgħażagħ.

**I** ...jipprovdu lill-YMRA, b'mod obbligatorju, informazzjoni dwar id-drittijiet tagħħhom b'lingwa faċli u aċċessibbli.




**J** ...jiżguraw li fis-sistema tar-reception ikun hemm housing speċjali għaż-żgħażagħ, għall-LGBT+, għan-nisa single u anki joffru appartamenti separati.

**K** ...jiżguraw li jkun hemm kunsilli mħarrġin apposta li jkunu esperti fl-affarijiet psikoloġiċi, fil-kwistjonijiet tal-LGBT+ u fil-persekuzzjoni relatata mal-ġeneru.

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**
GĦALL-PERSUNI F’

## LIVELL **EWROPEW**

# L-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom...

**A** ...jippromwovu, taħt il-programm Erasmus+, it-tagħlim interkulturali u t-tlaqqigħ internazzjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-YMRA, skambji interkulturali għall-ħbieb u attivitajiet oħra.




**B** ...jallokaw iktar riżorsi sabiex isostnu x-xogħol maż-żgħażagħ mal-YMRA. Għandhom jipprovdu iktar investiment u opportunitajiet ta’ fondi sostenibbli waqt li jitnaqqsu l-proċeduri amministrattivi.

**C** ...jipprovdu iktar opportunitajiet ta’ taħriġ fi ħdan il-programmi Ewropej bħall-Erasmus+ u permezz ta’ ESF għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-YMRA. Għandhom isiru esperti meta jiġu biex jiddefinixxu u joħoloqu l-prijoritajiet, il-proġetti u l-metodi ta’ ħidma.

**D** ...itejbu s-sistema sabiex jiġu rikonoxxuti iktar il-kwalifiki (professjonali) tal-YMRA, il-kompetenzi tagħhom u l-aħħar kwalifika li rnexxielhom jiksbu.

**E** ...jiżguraw li hemm spazju fejn jinxterdu prattiċi tajbin fix-xogħol mal-YMRA u li jkomplu jiġu organizzati laqgħat internazzjonali jew Ewropej sabiex jinqasmu esperjenzi u prattiċi sabiex tkompli tinbena n-narrattiva pożittiva tal-fenomenu tal-migrazzjoni.



Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

**RAKKOMAN-DAZZJONIJIET** GĦALL-PERSUNI F'

## LIVELL **EWROPEW**




**F** ...jinkoraġġixxu l-kreazzjoni ta' pjattaformi ta' sapport għall-YMRA mifruxa ma' diversi pajjiżi u jgħaddu minn livell nazzjonali għal livell Ewropew sabiex iwasslu leħen il-YMRA fl-Ewropa.

**G** ...jikkreaw, iqassmu u jissapportjaw kampanji kontra l-hate speech (kemm onlajn u kemm offlajn) li jiffukaw fuq l-edukazzjoni u l-kontro-narrattivi.

**H** ...jirrikonoxxu l-għarfien espert tal-ħidma maż-żgħażagħ tal-YMRA u jissapportjaw żvilupp ta' ħidma maż-żgħażagħ ta' kwalità f'dan il-qasam. Dan għandu jsir b'mod partikolari permezz ta' programmi (futuri) tal-Erasmus+, tal-Korp Solidari Ewropew, tal-Fond Soċjali Ewropew, u kif ukoll permezz ta' programmi oħrajn Ewropej.







**I** ...ipoġġi bħala prijorità l-inklużjoni soċjali tal-YMRA fil-programmi futuri tal-Erasmus+ bħala għodda għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u għall-istituzzjonijiet sabiex isostnu iktar l-integrazzjoni tal-YMRA.




Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union




# Becoming a part of Europe:

## KIF IX-XOGĦOL MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ JISTA' JKUN TA' SAPPORT GĦAL MIGRANTI ŻGĦAŻAGĦ, REFUĠJATI U PERSUNI JFITTXU L-AŻIL

**www.bpe-project.eu**

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

"Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea tagħti s-sapport għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni, ma jfissirx li taqbel mal-kontenut għaliex dan jirrifletti biss il-ħsibijiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kull użu ta' informazzjoni li fiha din il-pubblikazzjoni."

SĦAB

MOViT · eupa · JINT maakt dat je weg bent · erasmus+ meer perspectief

ang AGENZIA NAZIONALE PER I GIOVANI · mucf.se Swedish Agency for Youth and Civil Society · já Juventude em ação · Erasmus+ · JUGEND für Europa National Agency (Germany) Erasmus+ Youth in Action European Solidarity Corps

Art Direction & Design: Mireille van Bremen / Graphic Recording: Mireille van Bremen / www.empathicpathway.com